**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIŻZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Frar 2025**

**Rikors Ġuramentat numru: 5/2021 BS**

**Carmen Vella**

**-vs-**

**Jeanette Ann Portelli**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi[1] illi ppremettiet:**

*Illi r-rikorrenti hija il-propjetarja ta' biċċa art, liema art hija akkwistat b'wirt, l-tinsab biswit il-fond residenzjali bin-numru 32 Triq ta' Ħida Nadur (Għawdex), liema biċċa art tinsab adjecenti dik ta' missier l-konvenuta cioe dak ċertu Paul Portelli (li jirresjadi biswit l-art tar-rikorrenti fil-fond "Australia House" Triq ta' Hida Nadur).*

*Illi wara sentenza mħollija minn din l-Onorabbli Qorti, fejn ir-rikorrenti u missier il-konvenuta cioe dak ċertu Paul Portelli kienu partijiet, l-perit imqabbad*

[1] Rik. Gur. a fol 1 sa 4 b'dokumenti a fol 5 sa 12.

*mil-qorti Certu Gordon Vella kien aċċeda fuq il-post surreferit u kien indika l-linja medjana bl-użu tal-qsami.*

*Illi sussegwentement ir-rikorrenti għal habta ta' Novembru 2020 pproponiet lil missier l-konvenuta li ttella' ħajt diviżorju fuq il-linja tal-konfini tal-fond tagħha skond il-liġi, u b'hekk dan kien jfisser li l-istess ħajt diviżorju jiġi ukoll fuq il-linja tal-konfini tal-fond ta' missier l-konvenuta. Nonostante dan missier l-konvenuta rrifjuta.*

*Illi fil-bidu ta' Diċembru 2020 ir-rikorrenti infurmat lil missier l-konvenuta li kienet ser tibni l-ħajt diviżorju fil-parti tagħha entro l-linja medjana u cioe fl'art propjetà esklussiva tagħha. Di piu, r-rikorrenti, sabiex tevita kwalunkwe diżgwid, tramite l-avukat tal-fiduċja tagħha, pproponiet li jsir att pubbliku fejn ikun imsemmi bl'eżatt dak kollu relatat mal-ħajt li kien ser jiddividi l-art in kwestjoni (kopja tal-pjanta indikattiva mmarkata u annessa bħala dok CVOO1).*

*Illi r-rikorrenti kellha tliet ġebliet weqfin miżbuha biż-żebgħa ħamra imwahlin go l-art mil linja medjana il-ġewwa. Dawn saru fil-propjetà ta' Carmen Vella sabiex meta tqabbad persuni jahdmulha l-għalqa jkunu jafu sa fejn hija il-propjetà tagħha sabiex tevita problemi ma missier il-Konvenuta (ritratt li juri l-qsami hawn annessi u mmarkati bħala Dok CV002)*

*Illi l-konvenuta cioe Jeanette Ann Portelli fil-lejl ta bejn it-12 ta' Diċembru 2020 u it-13 ta' Diċembru 2020, b'vjolenza, abbużivament, bil-moħbi, klandestinament u mingħajr ebda jedd legali, qalgħet dawn it-tlett ġebliet li kienu mħawwla ġol ħamrija u tefgħethom lejn l-art tar-rikorrenti (vide ritratti hawn annessi u mmarkati bħala Dok CV003, CV004, CV005 u CV006).*

*Illi dan kollu r-rikorrenti tista tipprovah quddiem din l-Onorabbli Qorti stante li fil-ħin ta' l-azzjoni spoljattiva, liema azzjoni kienet b'vjolenza, abbużivament, bil-moħbi, klandestinament u mingħajr ebda jedd legali, hija kienet qeda tittawwal mit-tieqa li tagħti għal fuq din l-art de quo. Di piu dan kollu kien ir-rapportat ġewwa l-għassa tal-pulizija eżekuttiva sabiex tinvestiga u okkorrendo tittieħed dik l-proċedura idoneja fiċ-ċirkostanzi (kopja tar-rapport tal-pulizija hawn anness u mmarkat bħala Dok CV007).*

*Illi dan l-aġir tal-konvenuta huwa spoll tad-drittijiet tar-rikorrenti li kellha l-pussess tagħha dawn it-tliet ġebliet weqfin miżbuha biż-żebgħa ħamra sabiex jindikaw il-qasma, u liema spoll ġie kommess matul dawn l-aħħar xahrejn.*

**Talbet għalhekk lill din il-Qorti:**

(i) *tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuta kkommettiet spoll fil-konfront tar-rikorrenti u li dan ġie kommess entro dawn l-aħħar xahrejn;*

(ii) *tikkundanna u tordna lill-konvenuta sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss minn din l-Onorabbli Qorti treġġa tqiegħed lir-rikorrenti, a spejjeż ta' l-konvenuta, fl-istat ewlieni ta' godiment tad-dritt ta' pussess ta' dawn it-tliet ġebliet weqfin miżbuha biż-żebgħa ħamra sabiex jindikaw il-qasma u cioe li tiġi reintegrata fid-dritt tagħha li minnha ġiet spoljata mill-konvenuta; u*

(iii) *tiddikjara u tawtorizza li in difett li l-konvenuta tagħmel dan fiż-żmien lilha mogħti minn din l-Onorabbli Qorti, li r-rikorrenti tiġi awtorizzati li jagħmel l-istess xogħolijiet neċessarji hija stess a spejjez u riskju tal-konvenuta, kollox skond kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq imsemmja, u occorrendo taħt is-superviżjoni ta' periti niminandi;*

*Bl-ispejjeż kollha ta' din il-proċedura kollha kontra l-konvenuta li minn issa tibqa inġunta għas-subiżżjoni tagħha.*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta[2] illi eċċepiet:**

1. *Illi fil-mertu u mingħajr pregudiżzju d-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan għaliex ma jissussistux l-elementi rikjesti skond il-Ligi sabiex tirnexxi l-kawża ta' spoll senjatament billi ma jissussistux l-element tal-pussess u l-anqas it-turbativa tiegħu.*

2. *Illi dak li sar mill-konvenuta sar unikament u esklussivament fil-proprjeta' tal-familja tagħha u ppossjeduta minnhom;*

3. *Illi dwar il-qasma bejn il-propjeta' tal-attriċi u dik ta' missier l-konvenuta hemm sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u din kellha tigi mmarkata mill-Perit nkarigat mill-istess Qorti u ħadd mill-partijiet ma kellu jipprova b' xi mod jimmarka l-qsami huwa stess;*

*Salvi eccezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.*

[2] Risposta guramentata a fol 17 sa 20.

**Fliet l-atti.**

**Rat** id-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat tal-attriċi li jikkomprendu, *inter alia*: [**i**] pjanta li turi tindika l-estent tal-proprjeta' tal-attriċi u dak tal-proprjeta' ta' missier il-konvenuta, Paul Portelli;[3] [**ii**] żewġ ritratti meħudha fit-12 u fit-13 ta' Diċembru, 2020, wieħed juri ġebla mħawwla wieqfa fil-ħamrija u miżbugħa bl-aħmar u ieħor juri ġebla mimduda fuq il-ħamrija, b'porzjon minnha miżbugħ aħmar, preżumibilment fejn it-toqba li fiha kienet mħawwla fil-ħamrija;[4] [**iii**] żewġ ritratti meħudha fit-13 ta' Diċembru, 2020 li juru żewġ ġebliet b'porzjon minnhom miżbugħ aħmar mimduda fuq il-ħamrija;[5] [**iv**] ritratt meħud fit-13 ta' Diċembru, 2020 li juri ġebla b'porzjon miżbugħ aħmar mimduda fuq il-ħamrija maġenb toqba fil-ħamrija,[6] u; [**v**] rapport bin-numru NPS 10/Z/5330/2020 meħud mill-puliżija eżekuttiva ta' Malta fit-13 ta' Diċembru, 2020 mingħand l-attriċi dwar inċident li seħħ fit-12 ta' Diċembru, 2020.

**Rat** in-nota tal-attriċi tad-29 ta' Ottubru, 2021[7] li biha preżentat *pendrive* kontenenti filmat juri lill-konvenuta taqleb il-knaten mertu tal-kawża.[8]

**Rat** in-nota tan-Nutar Matthew Agius tat-28 ta' Diċembru, 2021 li biha esebixxa kopja ta' abbozz ta' ftehim li kien ħejja għall-iffirmar mill-attriċi Carmen Vella u ħuha Paul Portelli.[9]

**Rat** li b'nota tal-1 ta' Marzu, 2022 l-attriċi ddikjarat il-provi tagħha magħluqha.[10]

**Rat** li fl-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2023 il-konvenuta ddikjarat il-provi tagħha magħluqha.[11]

**Rat** li fl-udjenza tas-16 ta' Ottubru, 2024 il-partijiet iddikjaraw il-kontro-eżamijiet eżawriti bil-kawża ġiet differita għall-preżentata tan-noti tal-osservazzjonijiet kif ukoll għal-lum għas-sentenza.[12]

---

[3] Pjanta a fol 5.
[4] Żewġ ritratti a fol 6.
[5] Żewġ ritratti a fol 7.
[6] Ritratt a fol 8.
[7] Nota a fol 48.
[8] *Pendrive* a fol 55a.
[9] Nota a fol 57. Abbozz a fol 59 u 60.
[10] Nota a fol 64.
[11] Verbal a fol 110.
[12] Verbal a fol 113.

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti esebiti u verbali kif ukoll it-traskriżżjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

**B. Provi:**

**Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Carmen Vella**, l-attriċi, xehdet permezz ta' affidavit.[13]

Tiddikjara li hija sid il-porzjon art biswit il-fond numru 32, Tiq ta' Hida, in-Nadur, Għawdex liema art tinsab ukoll biswit id-dar ta' missier il-konvenuta, ossia ħuha – ħu l-attriċi – Paul Portelli.

Tgħid li l-art in mertu kienet suġġett ta' kawża fejn ingħatat sentenza li biha hi u ħuha Paul ingħataw il-konfini tal-artijiet tagħhom bl-assistenza tal-Perit Gordon Vella li kien maħtur għal tali għan mill-Qorti.

Tgħid li sussegwentement hija proponiet li jinbena ħajt diviżorju fuq il-linja medjana iżda ħuha Paul irrifjuta.

Tgħid li wara tali rifjut da parti ta' ħuha Paul hija qabbdet lil ħuha ieħor, Joseph, jgħina tagħmel sinjal bil-ġebel miżbugħa ħomor u mħawwla fil-ħamrija fl-art fuq in-naħa tagħha tal-linja mejdana. Tgħid li dan għamlitu bl-intenzjoni li jekk tibqa ma' tiftiehemx ma' ħuha Paul tibni ħajt fuq l-art tagħha.

Tiddikjara li fil-bidu ta' Diċembru, 2020 infurmat lil ħuha Paul li kienet ser tibni l-ħajt diviżorju fuq l-art tagħha. Iżżid li sabiex tevita diżgwid proponiet ukoll li jsir att pubbliku dwar dan. Tgħid li f'dan l-istadju hija kien diġa' kellha t-tlett ġebliet miżbugħa bl-aħmar mħawwla wieqfin fil-ħamrija fl-art esklussiva tagħha.

[13] Affidavit a fol 22, inkluz in verso pagina.

Tikkonkludi billi tiddikjara li fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Diċembru, 2020, il-konvenuta Jeanette, bi vjolenza, abbużivament, u klandestinament, qalgħet dawn it-tlett ġebliet tagħha u tefgħathom fl-art tagħha – tal-attriċi.

**Joseph Portelli**, hu l-attriċi, xehed permezz ta' affidavit.[14]

Jiddikjara li huwa jiġi hu l-attriċi Carmen kif ukoll hu Paul, li t-tnejn joqogħdu in-Nadur, Għawdex. Jgħid li jaf bil-kwistjoni relatata ma' din il-kawża għax kien intalab minn oħtu l-attriċi jgħina tagħmel il-tlett ġebliet in kwistjoni.

Jgħid li oħtu xtaqet tibni ħajt li jkun jaqsam l-art tagħha minn dik ta' ħuhom Paul sabiex tevita kwistjonijiet miegħu peress li Paul kwistinjuż ma' l-aħwa.

**Xehed ulterjorment[15]** li huma rabtu lenza sabiex immarkaw fejn kellhom jitħawwlu t-tlett ġebliet miżbugħa ħomor. Jgħid li l-lenza kienet timmarka fejn perit maħtur minn Qorti fi proċeduri preċedenti kien tagħhom il-konfini ta' bejn l-art ta' oħtu l-attriċi u ħuhom Paul.

Jgħid li l-perit tal-Qorti kien immarka l-ponot b'musmar u bl-aħmar. Jgħid li huma sabiex jifirdu l-artijiet kull ma' kellhom bżonn jagħmlu kien il-lenza minn musmar għall-ieħor.

Jgħid li huma m'għamlu ebda ponot tagħhom iżda mxew mal-ponot li ħejja l-perit tal-Qorti.

Jgħid li l-lenza għamilhu hu – ix-xhud – mhux il-perit tal-Qorti. Iżid li minkejja dan għamilha mal-ponot mogħtija mill-perit tal-Qorti.

Jgħid li ritratt minnhom juri kantun b'marka ħamra u musmar. Iżid li dak il-kantun tpoġġa mill-perit tal-Qorti.

Jgħid li wara dan, ħawwlu tlett ġebliet ġo l-art ta' oħtu, l-attriċi Carmen. Iżid li l-ġebliet ma' sarux fil-qsami ossia fin-nofs iżda saru 'il ġewwa mill-linja mejdana, ġo tal-attriċi. Iżid li tali ġebel ġieli ġew maqluba. Jgħid li

[14] Affidavit a fol 23.
[15] Traskriżżjoni a fol 28 sa 37.

kull meta nqalbu l-ġebel u ġie biex jerġa jwaħħalhom dejjem reġgħa ġibed linja mal-ponot mogħtija mill-perit tal-Qorti.

Jgħid li kull meta nqallbu l-gebel, oħtu l-attriċi Carmen kienet tagħmel rapport l-għassa tal-pulizija.

Jgħid li l-aħħar li nqalbu it-tlett ġebliet oħtu Carmen qaltlu li rat li kienet il-konvenuta Jeanette li qalbithom matul il-lejl.

Jgħid li oħtu Carmen kemm-il darba ttentat tibni ħajt ta' diviżjoni iżda ħuhom Paul kien jirrifjuta li jiffirma, anke meta sar abbozz ta' ftehim sabiex l-attriċi tibni tali ħajt fuq l-art esklussiva tagħha.

Jeżebixxi sensiela ta' ritratti a fol 38 sa 40 li juru lenza marbuta minn ponta sa ponta u ġebla mimduda fl-art b'musmar u marka ħamra fiha;[16] ħofra forma ta' kaxxa qies ta' ras ta' kantun 'il ġewwa minn lenza marbuta minn ponta sa ponta u żewġ ġebliet miżbugħa ħomor mimduda fuq il-ħamrija 'il ġewwa mil-lenza u l-ħofra,[17] u; ħofra forma ta' kaxxa qies ta' ras ta' kantun 'il ġewwa minn lenza marbuta minn ponta sa ponta u ġebla miżbugħa ħamra mimduda fuq il-ħamrija 'il ġewwa mil-lenza u l-ħofra.[18]

**Il-Kuntistabbli Jason Spiteri**, xehed[19] li fit-13 ta' Diċembru, 2020, l-attriċi Carmen Vella marret l-għassa fejn irrappurtat li għandha porzjon art fi Triq ta' Hida, in-Nadur, Għawdex biswiet porzjon art oħra ta' ħuha Paul Portelli. Iżid li l-istess Carmen Vella kompliet tirrapporta li ftit żmien qabel il-Perit tal-Qorti Gordon Vella kien indika l-qasma u kienu għamlu tlett kantuni wieqfa, miżbugħin ħomor, sabiex jindikaw il-qasma. Iżid li Vella sostniet li l-lejl ta' qabel kienet daħlet bint ħuha Paul Portelli, ossia Jeanette Portelli, u qalbet tali tlett kantuni għal-ġol porzjon art tagħha – tal-attriċi Carmen.

Jgħid li l-attriċi sostniet li lill-konvenuta ratha taqleb il-kantuni minn tieqa li għandha fi proprjeta' viċin l-għalqa tagħha – tal-attriċi.

[16] Ritratt a fol 38.
[17] Ritratt a fol 39.
[18] Ritratt a fol 40.
[19] Traskriżżjoni a fol 49 sa 51.

Jgħid li wara dan, fis-17 ta' Diċembru, 2020, huma tkellmu mal-konvenuta Jeanette li qaltilhom li wara li l-perit tal-Qorti Gordon Vella mmarka l-qasma proviżorjament, kien sar ftehim bejn l-avukat tal-attriċi Carmen, u dak ta' missierha – missier il-konvenuta – Paul li minn ried jagħmel il-qasma b'ħajt tal-kantun tas-sebgħa jew disgħa pulzieri kellu jagħmel dan f'tiegħu mbagħad, meta jsir it-tħammil sabiex jinbena il-ħajt, jerġa jattendi l-perit tal-Qorti Gordon Vella sabiex jindika l-linja eżatta.

Jgħid li l-konvenuta qaltlu li zita l-attriċi pretendiet li tagħmel il-kantuni jindikaw il-qasma kif riedet hi. Iżid li l-konvenuta Jeanette ammettiet li kienet hi li fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Diċembru, 2020 qalbet il-kantuni magħmulha minn zijitha l-attriċi Carmen.

Jeżebixxi kopja tar-rapport numru NPS 10/Z/5330/2020 meħud minnu stess nhar it-13 ta' Diċembru, 2020 biż-żieda relattiva għall-intervista tal-konvenuta ripurtata fis-17 ta' Diċembru, 2020.[20]

**In-Nutar Matthew Agius**, xehed[21] li f'Novembru, 2020 kien ġie nkarigat jabbozza kuntratt dwar ħajt li kellu jinbena bejn żewġ proprjetajiet. Jgħid li l-partijiet fl-abbozz kienu Carmen Vella u Paul Portelli. Jobbliga ruħu li jgħaddi kopja tal-abbozz lill-Qorti.

Jgħid li skont l-abbozz, Carmen Vella kienet lesta tibni l-ħajt diviżorju 'il ġewwa mill-linja medjana ossia; interament fuq l-art proprjeta' tagħha jmiss mal-linja medjana.

Jgħid li finalment il-kuntratt qatt ma sar bl-abbozz baqa' biss abbozz.

**Jeanette Ann Portelli**, il-konvenuta, xehdet[22] li l-proprjeta' fejn kienu jinsabu l-knaten in mertu tinsab blokka 'il bod mid-dar fejn hija tgħix mal-ġenituri tagħha u ħuha fin-Nadur, Għawdex.

Tgħid li fit-2 ta' Lulju, 2020 kien mar perit tal-Qorti u *surveyor* sabiex immarkaw qasma biex kulħadd ikun jaf fejn hu tiegħu. Iżżid li qabel dan

[20] Rapport a fol 46 u 47, inkluz in verso pagina.
[21] Traskriżzjoni a fol 52 sa 55.
[22] Traskriżzjoni a fol 71a sa 71d.

kien hemm kawża l-Qorti għad-diviżjoni. Tgħid li l-kawża kienet bejn missierha Paul Portelli u zijitha, Carmen Vella, l-attriċi.

Tgħid li fil-kawża l-Qorti ħatret lill-perit Gordon Vella sabiex imur fuq il-post u jimmarka l-qasma. Iżżid li dakinhar tat-2 ta' Lulju, 2020 ltaqgħu fuq il-post zita Carmen, hi, missierha Paul, l-avukati difensuri tal-istess zijitha u missierha, il-Perit Gordon Vella u *surveyor* miegħu.

Tgħid li dakinhar tat-2 ta' Lulju il-perit għamel il-kejl mas-*surveyor* u mmarka biż-żebgħa sabiex kulħadd ikun jaf fejn hu tiegħu. Iżżid li fost affarijiet oħra l-perit għamel kantun mal-art b'musmar fih u b'marka zebgħa ħamra kif għamel ma' ħajt fuq il-lemin meta wieħed jidħol fir-raba'.

Tgħid li dakinhar ftehmu li ma' issir ebda diviżjoni fiżika minn ħadd qabel ma' issir applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar. Iżżid li ftehmu wkoll li sabiex issir id-diviżjoni fiżika kellu jerġa jattendi l-perit u jagħmel sinjal eżatt u mbagħad kulħadd ikun jista jibni ħajt ġo tiegħu.

Tgħid li minkejja dan l-attriċi Carmen wara xi żmien bdiet tagħmel il-qsami kif jidhrilha hi bi ħjut, ħbula, u kantuni miżbugħin bl-aħmar. Tgħid li taħmil ma' sarx. Iżżid li l-perit qatt ma' reġgħa mar fuq il-post.

Teżebixxi sensiela ta' ritratti juru l-marki magħmulha mill-perit tal-Qorti Gordon Vella, marki li tgħid li għamlet l-attriċi, u knaten miżbugħa bl-aħmar li tgħid li għamlet l-attriċi mingħajr assistenza ta' perit.[23]

Tgħid li l-knaten saru mill-attriċi wara li kienu ltaqgħu fuq il-post kif spjegat u mingħajr awtoriżżazzjoni ta' ħadd.

Tgħid li hi kull meta marret fl-għalqa u sabet xi ħaġa, kemm jekk ħabel jew knaten, kienet tneħħi li ssib. Iżżid li meta sabet ħabel neħħitu, tnietu, u tefgħetu ġo tal-attriċi. Iżżid li jekk sabet knaten qalbithom għal ġo tal-attriċi.

Tgħid li hi qatt ma ħadet xejn minn dak li sabet u neħħiet iżda neħħiet biss li sabet fil-qasma li kien sar mingħajr ftehim.

[23] Ritratti f'envelop tal-Agenzija tal-Qorti, ta' lewn abjad, fol 71.

**In kontro-ezami**,[24] xehdet li hija ma' talbet ebda permess sabiex neħħiet dak li sabet fil-qasma għax ma' kellha għalfejn titlob ebda permess. Iżżid li tali oggetti ma' kienux saru bid-deċiżjoni tal-perit. Tgħid li l-oggetti li neħħiet ma' kienux fil-proprjeta' tagħha iżda kienu fil-qasma.

Tgħid li sabiex neħħiet li sabet hija ma' daħlet f'ta' ħadd iżda sempliciment qalbet il-knaten fuq in-naħa tal-attriċi u jekk sabet ħbula jew fildiferru neħħiet l-istess, tnietu, u tefgħatu f'ta' l-attriċi.

Mistoqsija meta neħħiet tali oġġetti tgħid li ma' tiftakarx iżda għandha rendikont tad-dati. Iżżid li kull x'ħin rat xi ħaġa neħħietha.

**L-Avukat Dr. Chris Said**, avukat difensur tal-konvenuta, xehed[25] li kien hemm deċiżjoni tal-Qorti dwar diviżjoni ta' porzjon art bejn l-attriċi Carmen u ħuha Paul Portelli. Iżid li tali deċiżjoni għaddiet in ġudikat iżda l-qasma proprja qatt ma' saret.

Jgħid li wara d-deċiżjoni kien hemm ftehim bejn il-partijiet li ltaqgħu fuq il-post flimkien mal-perit tal-Qorti sabiex jinbeda l-proċess tal-qasma. Jgħid li dakinhar saru xi marki fuq il-post.

Jgħid li l-marki li saru kienu proviżorji u kien hemm qbil sabiex min jiġi biex jibni ħajt diviżorju jibni l-istess ġo tiegħu. Iżid li kien hemm qbil ulterjuri sabiex ħadd ma jmiss xejn qabel jerġa jmur il-perit u *surveyor* sabiex isiru marki bl-eżatt u finali.

Jgħid li dan stante wkoll possibilita' u biża li miż-żmien meta saru l-ewwel marki mill-perit saż-żmien meta xi parti tiġi biex ittella l-ħajt jistgħu jintmessu l-marki.

Jgħid li l-marki li kien hemm kienu għalhekk proviżorji.

Jgħid li sussegwentement kelmitu l-konvenuta Jeanette u qaltlu li l-attriċi Carmen għamlet xi marki oħrajn kif ukoll xi interventi. Jgħid li dwar dan hu ra biss ir-ritratti mingħajr ma' mar fuq il-post.

---

[24] Traskrizzjoni a fol 71d sa 71f.
[25] Traskrizzjoni a fol 76 u 77.

**L-Avukat Dr. Georgene Grech**, xehdet[26] li għal xi żmien hija kienet l-avukat tal-attriċi Carmen Vella. Tgħid li tiftakar xi aċċess li kien inżamm xi ħames snin qabel – qieghda tixhed fl-2023.

Tgħid li kien hemm deċiżjoni tal-Qorti wara kawża ta' diviżjoni bejn l-attriċi Carmen u ħuha Paul Portelli u wara marru fuq il-post sabiex tinġibed linja ta' diviżjoni. Tgħid li dakinhar preżenti kien hemm hi, Carmen Vella, Jeanette Portelli, Paul Portelli, u l-Perit Gordon Vella.

Tgħid li ma' tiftakarx li dakinhar sar xi ftehim partikolari. Tgħid li tiftakar lil Paul Portelli juri xi affarijiet lill-perit u lill-perit jieħu xi ritratti.

Tgħid li jidhrilha li kellu jsir xi ftehim bil-miktub iżda hija qatt ma' ntalbet tħejji ftehim. Iżżid li ma' tiftakarx x'kellhom ikunu l-punti tal-ftehim.

**Il-Perit Gordon Vella**, xehed[27] li diversi snin ilu huwa kien ġie maħtur sabiex jimmarka linja diviżorja fi proprjeta' fin-Nadur, Għawdex. Iżid li l-kawża kienet dik numru 58/1987 fl-ismijiet Carmen Vella vs Dr. Alfred Grech *nomine et*.

Jgħid li hu qeda l-inkarigu tiegħu u produċa wkoll pjanta.

Jgħid li dan huwa dak li seta jikkonstata min-noti tiegħu stante li dan l-inkarigu ġie eżawrit fl-2017 – qiegħed jixhed fl-2023.

Jgħid li l-pjanta kienet rikjesta sabiex isir att ta' diviżjoni.

Jgħid li aktar recentement ġie kkuntatjat mill-avukat difensur tal-konvenuta kif ukoll minn Dr. Georgene Grech sabiex jerġa jmur fuq il-post u jerġa jimmarka l-linji diviżorji skont il-kawża li semma.

Jgħid li huwa reġgħa mar fuq il-post fejn kien hemm hu, Dr. Georgene Grech, u jahseb l-Avukat Dr. Renata Formosa. Iżid li ma' jiftakarx jekk l-avukat patroċinanti l-konvenuta kienx preżenti iżda jaf li bl-emajls kien ikkupjat.

[26] Traskriżżjoni a fol 87 sa 90.
[27] Traskriżżjoni a fol 91 sa 97.

Jgħid li l-intenzjoni dakinhar ma' kienitx li jittella ħajt iżda li huwa jerġa jimmarka l-linji diviżorji skont id-deċiżjoni tal-Qorti li semma. Jgħid li huwa kellu jimmarka b'mod korrett il-linji diviżorji iżda ma' daħalx fil-mertu ta' minn kellu jibni l-ħajt diviżorju u fejn.

Jgħid li ltaqħhu fuq il-post u huwa għamel il-marki. Iżid li kienu baqgħu wkoll li l-partijiet jagħmlu konka konkrit sabiex il-marki fuq il-ħamrija jsiru b'mod aktar permanenti stante li kif thallew setgħu faċilment jintlaqtu u jiċċaqilqu. Jgħid li qatt ma' reġgħa ġie msejjaħ sabiex jerġa jagħmel il-marki fuq il-konka tal-konkrit.

Jgħid li ma' jiftakarx li sar xi diskors ieħor oltre għal dak relattiv għall-konka tal-konkrit.

Jgħid li jekk il-partijiet irnexxilhom jaħdmu skont l-ewwel marki li huwa għamel mingħajr ma' messew l-istess marki setgħu ħadmu hekk ukoll.

**Paul Portelli**, missier il-konvenuta u hu l-attriċi, xehed[28] li l-linja diviżorja bejn il-porzjon art li ġiet assenjata lilu u dik li ġiet assenjata lill-oħtu Carmen ġiet immarkata meta ltaqgħu fuq il-post hu u oħtu flimkien mal-avukati difensuri tagħhom, il-Perit Gordon Vella u *surveyor*.

Jgħid li qabel ltaqgħu fuq il-post għal tali għan kienet ingħatat deċiżjoni tal-Qorti dwar id-diviżjoni.

Jgħid li l-Perit Gordon Vella, maħtur mill-Qorti, għamel il-marki tad-diviżjoni. Iżid li għamel marka isfel, oħra mal-ħajt ta' quddiem, u tnejn fin-nofs.

Jgħid li l-Perit Vella imbagħad qal li minn rid jibni l-ħajt kellu jagħmel trinka u jħejji pedament bil-konkos. Iżid li qabel hekk tali li rid jibni l-ħajt kellu jerġa jikkomunika mal-perit sabiex il-perit jerġa jmur fuq il-post jagħmel il-marki.

Jgħid li wara dan ġara li oħtu Carmen u ħuh Joseph qabdu għamlu tlett knaten miżbugħin bl-aħmar. Jgħid li qabel għamlu l-knaten lilu ma' qalulu xejn. Jgħid li l-knaten għadhom hemm. Iżid li ħajt ma' nbenix.

[28] Traskriżżjoni a fol 100 sa 104.

**In kontro-eżami**, xehed[29] li oħtu Carmen u ħuh Joseph poġġew il-knaten mis-serra l-isfel fejn għadhom.

Jgħid li bil-fatt li jgħid li l-knaten għamluhom ħutu ma' jafx jekk ifissirx li b'daqshekk għandhom pussess tagħhom.

Mistoqsi xi jfisser meta jgħid li l-knaten għadhom hemm jgħid li ta' isfel hemm għadhom. Mistoqsi jekk kienx hemm oħrajn 'il fuq mis-serra, sal-grada, jgħid li safejn jaf hu 'l fuq ma' kien hemm xjen.

Jinsisti li l-knaten ta' isfel għadhom hemm mentri jgħid li dwar fuq, mis-serra sat-triq iva, seta kien hemm.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din l-istanza l-attriċi, wara li ppremettiet li hija proprjetarja ta' porzjon art fi Triq ta' Hida, in-Nadur, Għawdex li tikkonfina ma' art ta' ħuha, Paul Portelli, li jiġi missier il-konvenuta, ppremettiet ukoll li fil-lejl ta' bejn it-tnax (12) u t-tlettax (13) ta' Diċembru, 2020 il-konvenuta, abbużivament u klandestinament neħħiet tlett ta' knaten li kienu thawwlu fil-ħamrija fil-porzjon art tagħha – tal-attriċi – sabiex jiddemarkaw il-konfini tal-istess art tagħha.

Talbet għalhekk dikjarazzjoni li l-konvenuta kkommettiet spoll fil-konfront tagħha – tal-attriċi – u ordni sabiex l-istess konvenuta tpoġġiha lura fid-drittijiet tagħha billi terġa tpoġġi l-knaten in mertu f'posthom. Finalment talbet li in difett tal-konvenuta f'li tobdi tali ordni mogħtija fil-konfront tagħha, tkun hi – l-attriċi – awtorizzata tipproċedi bix-xogħol rimedjali meħtieġ a spejjeż tal-konvenuta.

Il-konvenuta laqgħat għal tali talbiet atturi billi eċċepiet li l-istess huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma' jissussistux l-elementi ta' spoll, senjatament dawk tal-pussess u t-turbativa tiegħu; li dak li sar mill-konvenuta sar unikament fil-proprjeta' tal-familja tagħha, posseduta

[29] Traskrizzjoni a fol 104 sa 109.

minnhom; u li dwar il-qasma bejn il-proprjetajiet reċiproċi tal-attriċi u ta' missierha – missier il-konvenuta – hemm deċiżjoni preċedenti tal-Qorti b'dan li l-istess qasma kellha tiġi mmarkata minn perit inkarigat mill-istess Qorti.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

L-*actio spolii,* bhal ma' hija din l-azzjoni tal-lum kif ittentata mill-attriċi, hija reġolata mill-Artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Liġijiet ta' Malta, li jistipola kif isegwi:

> **535.** *(1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili.*
>
> *(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.*

Minn dan l-artikolu jirriżultaw l-elementi essenzjali sabiex attur jirnexxi f'azzjoni ta' spoll.

Dawn l-elementi huma tlieta:

i. li huwa kien jipposjedi l-oggett in mertu b'pussess ta' kwalunkwe' xorta jew b'detenzjoni - *possedisse;*
ii. li huwa ġie spoljat minn dak il-pussess jew detenzjoni - *spoliatum fuisse*, u;
iii. li huwa ntavola l-kawża ta' spoll fi żmien xahrejn mill-jum li fih sar l-att spoljattiv allegat minnhu - *infra bimester deduxisse*.[30]

[30] Ref. ukoll id-deċiżjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-26 ta' Jannar, 1996 fl-ismijiet ***Joseph Vassallo Gatt noe vs Joseph Camilleri pro et noe***.

**Rigward l-ewwel element, il-*possedisse*,** huwa paċifiku li l-espressjoni *"pussess ta' liema xorta jkun"* tikkomprendi kwalunkwe' tip ta' "pussess" inkluz dak ċivili *kemm dak semplicimant naturali u anke dak viżżjuz.*[31]

Ingħad infatti:

> *"Neanche' e' permesso in questa causa di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo domini o no; perche' la legge non richiede che un possesso materiale e di fatto; tanto e' vero che si concede la detta azione anche al possessore che avesse in tempo precedente usurpato con violenza la cosa altrui" (Vol X p55).*[32]

Dan il-ħsieb huwa konsistentement rifless fid-deċiżjonijiet tal-Qrati nostrani nkluż dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar it-2 ta' Diċembru, 1955 fl-ismijiet ***Ersilia Zahra vs Aurelio Carabott*** fejn ġie ritenut:

> *Biex tirnexxi l-azzjoni ta` spoll privileggjat, l-attur għandu jipprova li hu kellu l-pussess, li ġie spoljat minn dak il-pussess, u li ddeduca l-azzjoni fi żmien xahrejn mill-pretiż spoll.*
>
> *Fil-kawzi ta` spoll il-Qorti għandha tillimita l-ezami tagħha għall-fatt tal-pussess jew detenzjoni, bla ma tidhol fil-petitorju; b'mod li ma jistghux jigu kumulati l-possessorju u l-petitorju. Għax fil-gudiżzju possessorju jiġi gudikat il-"jus possessionis", u mhux il-"jus possidenti", bla hsara tad-drittijiet petitorji.*
>
> *Il-pussess tutelat b'din l-azzjoni hu, b'ligi, il-pussess "ta` liema xorta jkun"; b'mod li fl-azzjoni ta` reintegra mhux lecitu li jiġi nvestigat ix-xorta ta` pussess ta` l-ispoljat, basta dan ikollu s-semplici pussess "di fatto", ma hemmx bzonn li jigu ezaminati fatturi oħra "ad colorandum possessionem"; u mhumiex rilevanti provi oħra li ma jaslux biex jinnewtralizzaw dak il-pussess.*

Din l-istess deċiżjoni kompliet sabiex irriteniet oltre li:

> *L-att ta` tolleranza li jiswa biex jeskludi dak il-pussess hu dak li jsir b'semplici kortesija jew permess ta` ħaddieħor, revokabili "ad nutum", u*

[31] Vol XLII p. II p. 973. Ara wkoll id-deċiżjoni moghtija nhar il-31 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***John Sammut vs Emmanuel Sammut***, Citazz. Nru. 941/1995/2 PS.
[32] Iccitat fl-istess deċiżjoni moghtija nhar il-31 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***John Sammut vs Emmanuel Sammut***, Citazz. Nru. 941/1995/2 PS.

*mhux att li jkun ezercitat mingħajr ebda koncessjoni prekarja ta` ħadd, imma bl-animu ta` ezerciżżju ta` pretensjoni ta` drittijiet.*

[…]

*Biex din l-azzjoni tkun esperita b'success l-attur irid jipprova biss li fil-mument meta allegatament avvera ruħu l-att spoljattiv hu kien fil-pussess ta' l-oggett li minnu kien spoljat. Mhux mehtieg minnu li jipprova xi titolu tal-pussess tiegħu.*

Dwar l-ewwel element tal-pussess, li huwa meħtieġ, allura, huwa li attur f'kawża ta' spoll jipprova li fil-mument li seħħ l-att spoljattiv, hu kien fil-pussess jew detenzjoni tal-oġġett, bi kwalsiasi mod dawn ġew f'idejh, saħansitra pussess temporanju, anke sempliċiment naturali jew vizzjuż, basta li l-istess pussess jew detenzjoni jkunu *'di fatto'* u mhux fuq mera tolleranza.

Ingħad fil-fatt li anke jekk il-pussess ikun wieħed qasir ħafna u saħansitra momentarju, dan xorta wahda huwa sufficjenti sabiex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll, imbasta jkun univoku u mhux ibbażat fuq mera tolleranza.[33]

Fid-deċiżjoni mogħtija nhar it-30 ta' April, 2004 fl-ismijiet ***Farrugia Carmelo et vs Farrugia Carmelo et***,[34] il-Prim'Awla tal-Qorti Civili rritenit li pussess kwalunkwe', anke purament materjali iżda *di fatto*, anke qasir ħafna u saħansitra momentarju huwa sufficjenti, basta jkun univoku u ma jkunx ibbażat fuq mera tolleranza.

Dan għaliex huwa ben risaput illi minn jiddetjeni ħaġa b'sempliċi tolleranza ma' jistax jeżerċita l-*actio spolii*.

Dwar is-sempliċi tolleranza, oltre dak diġa' ċċitata *supra* mid-deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet ***Ersilia Zahra vs Aurelio Carabott***, fid-deċiżjoni mogħtija mil-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Ġunju, 2004 fl-ismijiet ***Marianna Dean vs Joseph Abela***,[35] ġie ritenut li m'hemmx pussess tutelabbli fejn hemm sempliċi tolleranza.

[33] Vol XXXVII p. II p. 642. Ara wkoll id-deċiżjoni moghtija nhar l-24 ta' April, 1947 fl-ismijiet ***Cortis vs Sammut***.
[34] Citazzjoni Numru. 564/1998/1.
[35] Appell Civili Numru. 930/2003/1.

B'dan li, fid-deċiżjoni mogħtija nhar il-25 ta' Mejju, 2007 fl-ismijiet ***Michael Aquilina et vs Andrew Briffa et***,[36] il-Qorti tal-Appell sostniet li:

> *Huma meqjusin bhala atti ta' semplici tolleranza dawk imnissla "nei rapporti di buon viċinato in grazia dei quali si permetta o si tollera che altrui faccia sulla cosa che gli appartiene cio` che non avrebbe diritto alcuno di farvi" - Ricci, "Corso Teoretico - Practico di Diritto Civile", Vol. V. pagna 73. Fi kliem ieħor, jitqies li tkun zamma b'semplici tolleranza dik fejn il-haga tkun miżmuma b'semplici kortezija jew fejn ħaddieħor ikun jista' jirtiraha x'hin irid. B'żieda ma' dan kollu, jingħad ukoll li l-ghemejjel ta' semplici tolleranza għandhom xejra ta' transitorjeta` u saltwarjeta`.*[37]

Il-Qorti hija wkoll konxja mill-fatt li l-azzjoni ta' spoll hija radikata fuq l-esiġenzi ta' l-utilita' soċjali, intiża sabiex tagħti protezzjoni lil kwalunkwe' pussess u jiġi mpedut liċ-ċittadin privat milli jieħu l-ġustiżzja f'idejh.

Il-fini tal-azzjoni huwa nfatti dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt, jew turbat.[38] Huwa proprju għalhekk li l-istess disposiżżjoni tal-liġi tagħmel referenza espressa għall-Artikolu 791 tal-Kap. 12 li jrid illi l-konvenut f'kawża ta' spoll ma jista' jagħti ebda eċċezzjoni li mhix dilatorja qabel ma jkun reġa' qiegħed il-ħaġa fl-istat pristinu.

Huwa b'din il-mira li l-ġurisprudenza u d-dottrina legali jinsistu li l-Qorti għandha teżamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt ta' l-ispoll mingħajr ma' tidhol fil-petitorju.

Fil-kawża *de quo*, l-attriċi tinsisti li hija kellha fil-pusses tagħha tlett ta' knaten li tħawwlu weqfin fil-ħamrija fil-porzjon art unikament tagħha minn ħuha, Joseph Portelli, fuq struzzjonijiet tagħha bħala demarkazzjoni tal-konfini tal-art unikament tagħha.

Bi prova ta' dan, apparti x-xhieda tagħha stess, tramite x-xhieda ta' l-imsemmi hu l-attriċi Joseph Portelli, tressqu għal kunsiderazzjoni ta' din il-Qorti diversi ritratti.[39]

---

[36] Appell Civili Numru. 2947/1996/1.
[37] Ara wkoll id-deċiżjoni moghtija nhar it-12 ta' Jannar, 2005 mil-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Cuschieri v. Cilia***.
[38] Vol XLII p. II p. 973 kif ukoll Vol XLI p. II p. 846.
[39] Ritratti a fol 38, 39, u 40.

B'referenza għall-istess ritratti, l-insistenza attriċi hija li wara li hu l-attriċi Joseph Portelli ġibed linja permezz ta' lenza ma' punti fissi li jgħid li kienu ngħataw mill-Perit Gordon Vella – il-perit li kien maħtur f'kawża preċedenti bejn l-attriċi odjerna u ħuha ieħor, Paul Portelli, sabiex jagħti demarkazzjoni tal-konfini bejn il-porzjon art diviża tal-attriċi u dik ta' ħuha Paul Portelli – it-tlett knaten in mertu saru fuq il-porzjon art unikament appartenenti lill-attriċi, b'dan li allura kienu fil-pussess uniku tagħha.

Da parti tagħha, fir-risposta ġuramentata tagħha, il-konvenuta teċċepixxi li element mankanti sabiex tirnexxi l-kawża ta' spoll proposta mill-attriċi huwa proprju dak tal-pussess.

Minkejja dan, il-konvenuta stess, kemm fid-dikjarazzjoni minnha mogħtija lill-pulizija eżekuttiva ta' Malta wara l-inċident fejn inqalbu tali knaten li wassal għal din l-istenza,[40] kif ukoll fix-xhieda tagħha mogħtija quddiem din il-Qorti, tinsisti li hija, kull meta marret fil-porzjon art ta' missierha u sabet xi ħaġa "fil-qasma" bejn l-istess u l-porzjon art ta' zijitha l-attriċi, hija ma ħadet xejn milli sabet iżda neħħiet dak li sabet u tefethu fil-porzjon art ta' zijitha l-attriċi. Jekk sabet knaten qalbet l-istess għal ġewwa l-art ta' l-istess zijitha.

Qabel xejn, jingħad li skont id-dottrina u l-ġurisprudenza suċċitata, huwa paċifiku li Qorti mitluba tagħti deċiżjoni fuq allegazzjoni ta' spoll mhux talli m'għandix iżda talli hija prekluża milli tidħol fil-petitorju u b'hekk tinvestiga n-natura tal-pussess. Dan stante li, kif ingħad, il-liġi trid biss pussess materjali u *di fatto*. Il-Qorti għandha għalhekk tillimita l-eżami tagħha għall-fatt tal-pussess jew detenzjoni proprja, li dawn huma kif rikjest mid-dottrina u l-ġurisprudenza – allura pussess jew detenzjoni tal-oġġett, bi kwalsiasi mod ikun, saħansitra pussess temporanju, anke sempliċiment naturali jew vizzjuż, basta li l-istess pussess jew detenzjoni jkunu *'di fatto'* u mhux fuq mera tolleranza – u għandha għalhekk tkun biss konċernata f'li tirripristina l-pussess skonvolt jew turbat.

Huwa għalhekk li kwistjonijiet rigward fejn saru eżattament il-knaten in mertu mill-attriċi , il-parti tat-tieni talba attriċi fejn din titlob kundanna u ordni li l-istess saru b'mod li jindikaw il-qasma proprja bejn l-art

[40] Ref.: rapport tal-pulizija numru NPS 10/Z/5330/2020 a fol 46 *et seq*.

proprjeta' tal-attriċi u dik proprjeta' ta' missier l-konvenuta, kif ukoll it-tielet (3) eċċezzjoni konvenuta li dwar il-qasma bejn l-istess artijiet hemm sentenza preċedenti tal-Qorti u l-istess kellha tiġi mmarkata mill-perit tal-Qorti, jaqaw għal kollox 'il barra mill-iskop ta' din id-deċiżjoni tal-lum.

B'din id-deċiżjoni tal-lum, u dwar dan l-element tal-pussess, din il-Qorti hija biss konċernata minn jekk l-attriċi kellix l-pussess materjali u *di fatto* necessarju skont id-dottrina u l-ġurisprudenza suċċitata; xejn aktar.

F'dan id-dawl, u fid-dawl tat-testimonjanzi diverġenti tal-partijiet kontendenti, huwa paċifiku dak li jinsab ritenut, *inter alia*, fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell mogħtija nhar is-27 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet ***Angelo Sant et vs Paul Sant et***,[41] ossia; li meta si tratta ta' żewġ verżjonijiet kontrastanti, il-każ neċessarjament jirriduci ruħu f'wieħed ta' kredibilita' u verosimiljanza tal-verżjonijiet mogħtija.

Bl-istess mod, fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet ***George Bugeja vs Joseph Meilak***,[42] ġie ritenut:

> *Fil-kamp civili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti għall konvinciment. Għax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta mingħajr ma thalli dubju ragjonevoli.*

F'dan il-każ odjern din il-Qorti tqies ferm aktar verosimili l-verżjoni mogħtija mill-attriċi u dan stante li, lil hemm mill-petitorju; din il-Qorti hija ferm aktar konvinta li l-knaten in mertu kienu fil-pussess tal-attriċi, poġġuti fejn kienu poġġuti fis-sens ta' titolu ta' proprjeta' tal-art li fihom tpoġġew, milli hija sodisfatta mil-verzjoni konvenuta li huwa mankanti l-element tal-pussess.

---

[41] Appell Civili Numru. 152/1999/2.
[42] Citazzjoni Numru. 462/2002/1.

Dan jingħad stante l-fatt li, lil hemm minn dak dikjarat mill-Perit Gordon Vella fix-xhieda minnu mogħtija quddiem din il-Qorti – ossia; li minkejja li ma' l-attriċi u ħuha Paul Portelli, matul l-eżawriment tal-inkarigu li għalih ġie maħtur f'kawża preċedenti bejniethom sabiex jagħti l-marki ta' diviżjoni bejn il-porzjonijiet art tagħhom, huwa kien baqa li kellu jerġa jissejjah fuq il-post sabiex jagħmel ċert li l-marki baqgħu kif tagħhom oriġinarjament – l-istess Perit Vella sostna jgħid li jekk il-partijiet imxew mal-marki li ta oriġinarjament dan setgħa jsir mingħajr problemi. B'dan li allura, jekk il-knaten in mertu tassew tpoġġew fuq struzzjonijiet tal-attriċi 'il ġewwa mil-linja miġbuda mal-punti fissi mogħtija mill-Perit Vella,[43] dawn tpoġġew fl-art unikament tagħha; din il-Qorti xorta temmen li l-attriċi kellha l-pussess rikjest sabiex tirnexxi f'kawża ta' spoll.

Dan stante l-fatt li l-konvenuta stess – fix-xhieda tagħha quddiem din il-Qorti – iddikjarat li sabet x'sabet bejn l-art tal-attriċi u dik ta' misserha – missier il-konvenuta; hija neħħiet dak li sabet u xeħtitu ġo l-art tal-attriċi.

Fil-fehma ta' din il-Qorti dan il-fatt juri akkwiexxenza jekk mhux addirittura ammissjoni da parti tal-konvenuta li tali oġġetti kienu għalhekk posseduti mill-attriċi. Kieku l-konvenuta emmnet mod ieħor kienet tarmi l-oġġetti li ssib u tneħħi, mhux tpoġġihom fejn deherilha li kellhom imorru skont lil min jappartjenu.

Hija għalhekk il-fehma ta' din il-Qorti li dakinhar li seħħet l-azzjoni spoljattiva l-attriċi kienet fil-fatt fil-pussess meħtieġ tal-knaten in mertu liema pussess ma' jirriżultax li kien abbażi tas-sempliċi kortesija jew permess revokabbli ta' ħaddieħor u allura, ma' kienx fuq mera tolleranza.

Jingħad ulterjorment li anke kieku l-Qorti kellha tissuspetta li l-linja miġbuda minn hu l-attriċi Joseph Portelli ma nġibditx fil-fatt mal-punti fissi mogħtija mill-Perit Gordon Vella, b'dan li l-istess knaten tpoġġew imissu ma' tali linja fl-art unikament tal-attriċi u allura huma ċertament posseduti mill-attriċi; il-konvenuta stess fix-xhieda tagħha mogħtija quddiem din il-Qorti kompliet tiddikjara li semmai tali knaten tpoġġew fil-qasma. B'dan li tali knaten, kieku tassew tpoġġew fil-qasma u mhux fuq l-art esklussivament appartenenti lill-attriċi, xorta jkunu jistgħu jitqiesu li kienu fil-pussess tal-attriċi, anke jekk tali pussess ikun jista'

[43] Kif jidher li tpoġġew mir-ritratti in atti a fol 38 *et seq.*

jitqies bħala ko-pussess, bl-istess ko-pussess, fil-fehma ta' din il-Qorti, xorta jilħaq il-kwalitajiet ta' pussess neċessarji sabiex tirnexxi kawża ta' spoll.

B'dan li għalhekk din il-Qorti tqies li l-element tal-pussess rikjest sabiex tista tirnexxi kawża ta' spoll ġie sodisfatt.

Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex teżamina l-elementi l-oħra rekwiżiti f'kawża ta' spoll u tagħmel il-kostatazzjonijiet tagħha dwarhom inkluż fid-dawl ta' dak hawn fuq diġa' kkunsidrat.

**Rigward it-tieni element, il-kwistjoni ta' l-att spoljattiv nniffsu – *spoliatum fuisse*** – ossia, li l-ispoljant għamel azzjoni kontra r-rieda tal-pussessur li eskludiet lill-pussessur mill-pussess, jingħad kif isegwi:

> *Dwar it-tieni element, huwa mehtieg li jintwera li l-għamil spoljattiv ikun wiehed arbitrarju u magħmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jagħti lok għal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu. Huwa wkoll mahsub li l-għamil irid ikun wiehed vjolenti jew imqar mistur għall-gharfien tal-persuna li kellha l-pussess.* [44]

Mill-assjem tal-provi jirriżulta ċar li l-pussess tal-attriċi ġie turbat mill-konvenuta meta l-konvenuta, fuq ammissjoni tagħha stess, qalbet it-tlett knaten in mertu għal ġewwa l-porzjon art tal-attriċi.

Huwa minnu li l-konvenuta tinsisti li hija għamlet hekk biss stante li fil-fehema tagħha kellha kull dritt tagħmel hekk. Dan peress li skontha, kif ukoll skont missierha Paul Portelli, kien hemm ftehim li qabel issir xi tip ta' diviżjoni fiżika u proprja kellu jerġa jissejjaħ fuq il-post il-Perit Gordon Vella li kien ġie maħtur minn Qorti preċedenti sabiex jiffissa l-punti ta' diviżjoni.

B'dan iżda li ġjaladarba ġie misjub li l-attriċi kellha l-pussess effettiv rikjest sabiex tirnexxi kawża ta' spoll, l-att spojattiv huwa ppruvat lil hemm minn kull dubbju bl-ammissjoni tal-konvenuta nfisha.

---

[44] Ref. deċiżjoni moghtija nhar it-23 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***Filomena Ellul vs Carmel sive Charles Ellul,*** Citazz. Nru. 428/2000/1 JRM.

Dwar l-element tal-vjolenza tal-att spoljattiv, din il-Qorti terġa tagħmel referenza ampja għad-deċiżjonijiet diġa' suċċitati.

F'dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar it-2 ta' Diċembru, 1955 fl-ismijiet ***Ersilia Zahra vs Aurelio Carabott***, il-ħsieb asserit f'liema tagħmlu tagħha ġie ritenut li:

> *Sabiex jiġi sodisfatt ir-rekwiżit tal-vjolenza ma hemmx bzonn il-"vis atrox", cjoe` xi vjolenza fiżika jew morali fuq il-persuna tal-possessur, imma biżżejjed il-vjolenza fuq il-haga; liema vjolenza tavvera ruħha jekk l-opera spoljatrici tkun saret kontra l-kunsens tas-sid.*

Oltre dan, f'dik mogħtija nhar it-23 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***Filomena Ellul vs Carmel sive Charles Ellul*** ġie mbagħad ritenut li:

> […] *l-għamil irid ikun wiehed vjolenti jew imqar mistur għall-gharfien tal-persuna li kellha l-pussess*.

F'dan il-kaz, il-fatt biss li l-knaten posseduti mill-attriċi kien ilhom jinqalbu tant li l-attriċi ħasset in-neċessita' toqod attenta sakemm rat minn kien qiegħed jaqlibhom, kif ukoll il-fatt li l-aħħar li nqalbu l-istess knaten fl-inċident li wassal għal din l-istanza dawn inqalbu matul il-lejl, juri ċar li l-att spoljattiv kien wieħed arbitrarju u magħmul kontra r-rieda u l-kunsens tal-pussessur u sar b'mod mistur. L-istess jista għalhekk jitqies bħala wieħed vjolenti.

B'dan li għalhekk anke dan l-element kostituttiv tal-azzjoni ta' spoll jirriżulta ppruvat u sodisfatt.

**Rigward it-tielet element, l-*infra bimester deduxisse*.**

Dwar dan l-aħħar element kostituttiv tal-*actio spolii*, l-attriċi tixhed konsistentement li l-att spoljattiv li wassal għal din l-istanza seħħ fil-lejl ta' bejn it-tnax (12) u t-tlettax (13) ta' Diċembru, 2020.

Tali data tirriżulta wkoll mir-rapport meħud mingħand l-attriċi mill-pulizija eżekuttiva ta' Malta nhar it-tlettax (13) ta' Diċembru, 2020.[45]

L-istess rapport jikkontjeni l-verżjoni tal-konvenuta wkoll meħudha mil-pulizija ftit jiem wara, fis-sbatax (17) ta' Diċembru, 2020, fejn il-konvenuta ma' nnegatx dak rappurtat mill-attriċi anzi; ammettiet li kienet hija li qalbet il-knaten in kwistjoni.

L-istess data aqnas ġiet kontradetta fix-xhieda tal-konvenuta mogħtija f'dawn il-proċeduri u tirriżulta wkoll ampjamant mill-varji ritratti li eżebit l-attriċi mar-rikors ġuramentat promotur, liema ritratti juru wkoll id-dati rilevanti fuqhom.[46]

Premess li din il-kawża odjerna ġiet intavolata nhar l-ewwel (1) ta' Frar, 2021,[47] u allura f'inqas minn xahrejn wara li seħħ l-att spoljattiv; anke dan l-element kostituttiv tal-azzjoni ta' spoll jirriżulta sodisfatt.

**Deċide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt illi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuta konformement ma' dak hawn deċiż:

i. tilqa' l-ewwel (1) talba attriċi u tiddikjara li l-konvenuta kkomettiet spoll fil-konfront tal-attriċi;

ii. tilqa' it-tieni (2) talba attriċi u tikkundanna lill-konvenuta sabiex fi żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni, a spejjeż tagħha, tisporga l-ispoll minnha kommess u tqiegħed lill-attriċi fl-istat li fih kienet qabel seħħ l-att spoljattiv billi tpoġġi lura t-tlett knaten li qalbet fejn kienu u b'hekk tirrintegra lill-attriċi fid-drittijiet tagħha.

   Premess li din il-Qorti tastjeni li tieħu konjizzjoni ta' dik il-parti tat-tieni talba attriċi li tirrigwarda l-indikazzjoni tal-qasma u dan stante li kif ingħad fis-sezzjoni tal-kunsiderazzjonijiet ta' din id-

[45] Ref.: rapport a fol 46 *et seq.*
[46] Ref.: ritratti a fol 6 *et seq.*
[47] Ref.: timbru tar-Registru tal-Qorti a fol 1.

deċiżjoni; din il-Qorti hija konċernata biss mill-pussess u r-ripristinazzjoni tal-istess fejn dan ġie skonvolt jew turbat, iżda mhux mill-petitorju, u;

iii. tilqa' it-tielet (3) talba attriċi b'dan li tawtorizza lill-attriċi sabiex fin-nuqqas tal-konvenuta li tagħmel dak ordnat minnha fiż-żmien konċess, tgħaddi hija, l-attriċi, sabiex tagħmel dak neċessarju a spejjeż tal-konvenuta, okkorrendo taħt id-direzzjoni tal-Perit Alexei Pace.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża a karigu tal-konvenuta.

(ft )Dr Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft )Daniel Sacco

D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar- Reġistratur